MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1174/2012

**Dr. Ann Fenech bhala mandatarja specjali ghas-socjeta' estera Executive Ship Management Pte Limited, hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-Kaptan u l-membri tal-ekwipagg tal-bastiment Watford b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2012**

**vs**

**Il-Bastiment MT Watford**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-27 ta' Novembru 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta Executive Ship Management Pte Limited, socjeta nkorporata taht il-Ligijiet ta' Singapore, giet appuntata bhala t-technical sub-manager u l-crewing

agent tal-bastiment MT Watford, b'IMO nru. 9351749 u li jtajjar il-bandiera ta' Singapore.

2. Illi l-bastiment intimat huwa proprjeta tas-socjeta estera Watford Maritime Pte Ltd.

3. Illi s-socjeta rikorrenti, bhala agent tal-imsemmi sid tal-bastiment, kienet inkarigata sabiex tfittex u ssib membri tal-ekwipagg inkluzi kaptana, ufficjali u membri tal-ekwipagg ohra sabiex jigu mpjegati mis-sid tal-bastiment intimat, abbord il-bastiment MT Watford.

4. Illi sussegwentament gew fil-fatt ingaggati l-istess membri tal-ekwipagg inluz il-kaptan tal-bastiment.

5. Illi sfortunatament is-sid tal-bastiment intimat naqqas mill-obbligi tieghu taht il-kuntratti tal-impjieg tal-membri tal-ekwipagg li jahdmu abbord il-bastiment intimat; u cioe naqas milli jhallas il-pagi u salarji dovuti lil diversi membri tal-ekwipagg (kopji tal-kuntratti tal-impjieg anessi mar-Receipt letters and deeds of subrogation irnmarkati bhala Dok. A).

6. Illi sabiex dawn il-membri tal-ekwipagg ma jispiccawx f'sitwazzjoni prekarja u cioe f'pajjiz barrani bla ebda mezz ta' ghexien jew flus f'idejhom u/jew sabiex dawn ikunu f’posizzjoni li jkomplu wettqu xogholhom u dmirijiethom abbord il-bastiment intimat, is-socjeta rikorrenti iddecidiet li thallas l-ammonti dovuti mis-sid tal-bastiment intimat lil dawn il-membri tal-ekwipagg.

7. Illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti ghamlet diversi pagamenti lil diversi membri tal-ekwipagg, liema pagamenti ammontaw ghas-somma totali ta' US$249,567.96 (mitejn u disa u erbghin elf, hames mija u seba' u sittin dollaru Amerikan u sitta u disghin centezmu) ewkivalenti ghall-€195,936.36 (mija u hamsa u disghin elf, disgha mija u sitta u tlettin ewro u sitta u tlettin centezmu). Kopja tar-rendikont tal-pagamenti kollha li thallsu qed tigi annessa u immarkata bhala Dok. B.

8. Illi in vista ta' dawn il-pagamenti, fil-5 ta' Novembru 2012, kull membru tal-ekwipaggi li thallas iffirma Receipt letter and deed of subrogation favur is-socjeta rikorrenti (hawn annessi u immarkati bhala Dok. A).

9. Illi minn dawn ir-Receipt letters and deeds of subrogation jidher car li (1) l-ammonti indikati kienu mhallsin mis-socjeta rikorrenti u (2) li dawn is-somom kienu dovuti mis-sid tal-bastiment lill-membri tal-ekwipagg ghall-perjodu ta' zmien bejn Mejju 2012 sat-2 ta' Novembru 2012. Anness ma' kull Receipt letter and deed of subrogation li qed jigi pprezentat (Dok. A) hemm ukoll rendikont tal-ammonti dovuti lil kull membru tal-ekwipagg kif ukoll kopja tal-kuntratti ta' impjieg taghhom.

10. llli bis-sahha tal-imsemmija pagamenti kif ukoll bis-sahha ta' dawn l-annessi Receipt letters and deeds of subrogation, is-socjeta rikorrenti giet effettivament surrogati fid-drittijiet tal-membri tal-ekwipagg fir-rigward ta' dan il-kreditu li huwa cert, likwidu u dovut.

11. Illi l-bastiment intimat dahal fl-ibhra territorjali ta' Malta fis-7 ta' Novembru 2012 fejn gie arrestat minn zewg kredituri (inkluza s-socjeta rikorrenti permezz tal-mandat ta' arrest Nru. 1678/2012), u sallum ghadu taht arrest fl-ibhra Maltin u taht il-guridizzjoni ta' Malta.

12. Illi l-bastiment intimat illum jinsab sorgut gewwa l-Port il-Kbir.

13. Illli l-kreditu huwa ukoll pregradwat u jgawdi privilegg specjali a tenur tal-artikolu 50(h) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

14. Illi ghalhekk dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u r-rikorrenti nomine taf li l-bastiment intimat ma ghandhu l-ebda eccezzjoni valida x'jissoleva u taf hija nnifisha bil-fatti kif fuq indikati.

Ghaldaqstant tghid il-bastiment intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ddispensat mis-

smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

i. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' US$249,567.96 (mitejn u disa u erbghin elf, hames mija u seba' u sittin dollaru Amerikan u sitta u disghin centezmu) ewkivalenti ghall-€195,936.36 (mija u hamsa u disghin elf, disgha mija u sitta u tlettin ewro u sitta u tlettin centezmu).

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti kollha tas-socjeta attrici;

Rat illi dan ir-rikors gie notifikat lil bastiment intimat li ma pprezenta ebda risposta u anqas deher xi hadd ghas-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2012;

Rat illi Dr. Alison Vassallo ghas-socjeta attrici ddikjarat li ma ghandiex provi ohra oltre dawk li jinsabu fl-atti;

Semghet ix-xhieda tal-istess rapprezentanta tas-socjeta attrici fejn ikkonfermat bil-gurament taghha li l-kreditu ghadu kollu dovut kif mitlub.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut jhallas lis-socjeta attrici l-ammont ta’ US$ 249,567.96 (mitejn u disa u erbghin elf, hames mija u seba' u sittin dollaru Amerikan u sitta u disghin centezmu) ewkivalenti ghall-€195,936.36 (mija u hamsa u disghin elf, disgha mija u sitta u tlettin ewro u sitta u tlettin centezmu).

Bl-ispejjez kontra l-bastiment konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------